A.L. 121 tal-2023

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Regolamenti tal-2023 li jissostitwixxu l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 146(2) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jissostitwixxu l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda".

Kap. 55.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Jissostitwixxi l-Iskeda.

2. L-Iskeda għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"**SKEDA**
(Artikoli 81(3), 101(1), 104(1), u 146(1))

TARIFFA DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI

TAQSIMA I

Drittijiet u ħlasijiet aċċessorji li jitħallsu lin-Nutara

1. In-nutar għandu, għall-atti riċevuti jew awtentikati minnu, u għal servizzi professjonali oħra, ikun intitolat għad-drittijiet u ħlasijiet aċċessorji u għar-rimborż ta' spejjeż li ġejjin:

(a) dritt fiss għall-atti ta' valur mhux determinabbli;

(b) dritt proporzjonat għall-valur tal-att;

(ċ) dritt għall-atti preparati fuq it-talba tal-partijiet u li ma jiġux pubblikati;

(d) dritt għall-kopji, estratti, dikjarazzjonijiet, riċerki, traduzzjonijiet, viżjonijiet, qari u kollazzjoni ta' atti;

(e) dritt għal servizzi oħra magħmula min-nutar fuq it-talba tal-partijiet jew skont ordni ta' kwalunkwe awtorità ġudizzjarja;

(f) dritt għall-eżami tat-titolu mmexxi minn nutar fuq talba ta' kwalunkwe persuna, jew fejn mitlub mil-liġi;

(g) ħlasijiet aċċessorji u rimborż ta' spejjeż.

I. Drittijiet Fissi

		€
2.	Testmenti Pubbliċi:	
	Għal dispożizzjonijiet li jkun fihom l-istituzzjoni ta' werriet u d-dispożizzjonijiet tas-soltu, huma fid-diskrezzjoni tan-nutar skont iċ-ċirkostanzi tat-testatur u l-kumplessità tad-dispożizzjonijiet testamentarji,	
	.....minn	58.47
	.....sa	292.35
	b'żieda tad-drittijiet li ġejjin imposti fuq il-bażi tal-valur tagħhom:	
	Għal kull legat; jew għal kull proprjetà mqiegħda fi trust testamentarju –	
	sa €1000 .....minn	5.85
	.....sa	11.69
	Għal kull €1000 jew parti minnhom, 'il fuq mill-ewwel €1000	
	.....minn	1.46
	.....sa	2.92
	Għall-ħatra ta' tutur, kuratur, jew eżekutur,	
	.....minn	11.69
	.....sa	23.39
	Trust testamentarju fejn il-valur ikun nominali jew mhux determinabbli wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tat-testatur u l-kumplessità tad-dispożizzjonijiet	
	.....minn	175.41
	.....sa	1169.40
3.	Testmenti Sigrieti:	
	Għall-formazzjoni minn nutar ta' testment sigriet, id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk speċifikati fil-partita 2 dwar Testmenti Pubbliċi.	
	Għall-att ta' kunsinna ta' testment sigriet,	
	.....minn	35.08
	.....sa	70.16
	Għall-pubblikazzjoni ta' testment sigriet,	

	.....minn	146.17
	.....sa	292.35
4.	Att ta' trust nutarili jew att ta' fondazzjoni, fejn il-valur ikun nominali jew mhux determinabbli, skont il-kumplessità tal-att, iż-żmien sabiex tippreparah u ċirkostanzi oħra,	
	.....minn	292.35
	.....sa	2338.80
5.	Att ta' emanċipazzjoni jew tagħrif ta' iben.	
	Għal kull persuna emanċipata jew magħrufa,	
	.....minn	87.70
	.....sa	175.41
6.	Kitba ta' żwieġ, tibdil jew kontra-dikjarazzjoni dwar kitba ta' żwieġ, jew ċessjoni ta' komunjoni tal-akkwisti,	
	.....minn	87.70
	.....sa	175.41
7.	Att ta' Separazzjoni Personali, Att ta' Koabitazzjoni u Att ta' Unjoni Ċivili,	
	.....minn	116.94
	.....sa	233.88
8.	Donazzjoni, tranżazzjoni, komunjoni jew qsim ta' mobbli jew immobbli, meta l-valur mhux determinabbli,	
	.....minn	58.47
	.....sa	292.35
9.	Depożitu ta' ħwejjeġ mobbli ta' valur mhux determinabbli, teħid lura tal-istess mingħand id-depożitarju,	
	.....minn	40.93
	.....sa	87.70
10.	Nomina għal benefizzju partikolari jew donazzjoni tal-jedd tal-preżentazzjoni, irrispettivament min-numru tal-patruni li jidhru fl-att,	
	.....minn	35.08
	.....sa	58.47
11.	Att ta' soċjetà meta l-valur mhux determinabbli,	
	.....minn	175.41
	.....sa	526.23
12.	Att rikonjitorju ta' enfitewta jew subenfitewta,	
	.....minn	35.08
	.....sa	70.16
13.	Protest kambjarju:	
	Għal kwalunkwe ammont sa €1000,	

B 1038

	..... minn	29.23
	..... sa	58.47
	Għal kwalunkwe ammont iżjed minn €1000 iżda mhux iżjed minn €10,000	
	.....minn	58.47
	.....sa	116.94
	Għal kwalunkwe ammont iżjed minn €10,000,	
	.....minn	116.94
	.....sa	233.88
14.	Nomina ta' arbitri, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387)	
	.....minn	58.47
	.....sa	116.94
15.	Att ta' ratifika, korrezzjoni, validazzjoni jew konvalidazzjoni, fejn il-valur mhux determinabbli, u sakemm id-dritt jaqbeż id-dritt li kellu jitħallas għall-att oriġinali, f'dan il-każ id-dritt għandu jiġi mnaqqas għal dik il-figura,	
	.....minn	87.70
	.....sa	175.41
16.	"Att ta' notorjetà",	
	.....minn	29.23
	.....sa	58.47
17.	Insinwa ta' dokumenti (b'żieda mad-drittijiet fir-rigward tal-annessi),	
	.....minn	35.08
	.....sa	70.16
18.	Ċertifikat bi prova li persuna hija ħajja jew li teżisti,	
	.....minn	29.23
	.....sa	58.47
19.	Tħassir totali ta' jeddijiet ipotekarji,	
	.....minn	35.08
	.....sa	70.16
	Tnaqqis jew posponiment ta' jeddijiet ipotekarji,	
	.....minn	58.47
	.....sa	116.94
	Surroga ta' jeddijiet ipotekarji,	
	.....minn	87.70
	.....sa	175.41
	Dawn id-drittijiet għandhom japplikaw jekk il-valur ikun determinabbli jew xort'oħra.	

20. Għall-formulazzjoni ta' dikjarazzjoni li għandha tiġi kkonfermata b'ġurament

.....minn 11.69

.....sa 116.94

21. Kull teħid ta' ġurament u amministrazzjoni tal-ġurament,

.....minn 11.69

.....sa 23.39

22. Att ta' kunsens,

.....minn 11.69

.....sa 23.39

23. Għall-formulazzjoni ta' prokura, inkluża kull awtentikazzjoni ta' firem jew marki meħtieġa,

.....minn 17.54

.....sa 58.47

24. Att ta' kwittanza fi kliem ġenerali, meta l-valur mhux determinabbli,

.....minn 29.23

.....sa 58.47

25. Għal kull att ieħor meta l-valur mhux determinabbli,

.....minn 29.23

.....sa 116.94

26. Għall-awtentikazzjoni ta' firem jew marki-salib fuq xi dokumenti li fihom kwalunkwe att jew ftehim ta' xi valur mhux determinabbli,

.....minn 5.85

.....sa 11.69

II. Drittijiet skont il-Valur

27. Għal kull att ta' trasferiment, taħt kwalunkwe titolu, ta' kwalunkwe proprjetà immobbli, ta' kostituzzjoni ta' renta, użufrutt, użu, abitazzjoni, servitù, ċessjoni, dikjarazzjoni illi tirrigwarda trasmissjoni *causa mortis*, enfitewsi jew subenfitewsi, id-drittijiet għandhom jitħallsu skont il-valur kif ġej:

Għall-ewwel ammont ta' mhux iżjed minn €11,694: 1.0%

Għal kull ammont addizzjonali mhux iżjed minn €584,700: 0.50%

Għal kull ammont addizzjonali iżjed minn €584,700: 0.25%

Żewġ terzi tal-imsemmija drittijiet għandhom jitħallsu għal att ta' trasferiment ta' proprjetà mobbli, self, kostituzzjoni ta' dejn, pleġġerija, ipoteka b'att separat, jew sostituzzjoni ta' ipoteka.

L-imsemmija drittijiet għandhom jitħallsu wkoll jekk l-att ikun suġġett għal kondizzjoni sospensiva.

Fil-każ ta' att ta' tpartit, l-imsemmija drittijiet għandhom jiġu vvalutati fuq dik il-parti tal-immobbli jew il-mobbli mparta li jkollha l-aktar valur.

Fil-każ ta' atti ta' kostituzzjoni ta' renta jew ta' enfitewsi jew subenfitewsi, l-imsemmija drittijiet għandhom jiġu vvalutati fuq il-valur li jirriżulta mill-kapitalizzazzjoni bit-tlieta fil-mija (3%) tal-ammont ta' kull sena tar-renta jew taċ-ċens rispettivament:

Iżda f' każ ta' enfitewsi jew subenfitewsi temporanja, dak id-dritt għandu jitnaqqas bin-nofs meta l-perjodu li għalih tingħata jew tiġi estiża l-enfitewsi jew is-subenfitewsi ma jkunx iżjed minn tletin (30) sena.

Fil-każ ta' att ta' pleġġerija jew ta' ipoteka bħala aċċessorju għal xi obbligazzjoni li tinħoloq minn att separat, l-imsemmija drittijiet għandhom jiġu vvalutati fuq il-valur ta' dik l-obbligazzjoni.

Għal kull att ta' għotja ta' xi qabar, sit jew spazju f'ċimiterju,

.....minn	58.47
.....sa	116.94

Sakemm ma jkunx dovut dritt ogħla fuq il-prezz jew valur tiegħu, għal kwalunkwe att ta' trasferiment ta' kull qabar, sit jew spazju f'ċimiterju minbarra dak illi għadu kif ġie msemmi fid-dispożizzjoni preċedenti, dritt

.....minn	116.94
.....sa	233.88

28. Id-drittijiet imsemmija fil-partita 27 għandhom jitħallsu wkoll:

Għal kull att ta' tnaqqis jew ta' fidwa ta' renta, fuq il-valur tal-ammont imnaqqas jew mifdi, kapitalizzat bit-tlieta fil-mija (3%);

Kwalunkwe att ta' tnaqqis jew ta' fidwa ta' ċens, jew ta' rinunzja ta' enfitewsi, fuq il-valur tal-ammont taċ-ċens imnaqqas jew mifdi, kapitalizzat bit-tlieta fil-mija (3%), jew fuq il-prezz stabbilit għal dik ir-rinunzja;

Kwalunkwe att ta' soċjeta' jew ta' komunjoni ta' beni, fuq il-valur tal-ħwejjeġ imdaħħla fis-soċjetà jew imqiegħda fil-komunjoni, iżda d-dritt ma għandux ikun anqas minn 175.41.

Kwalunkwe att ta' qsim ta' proprjetà immobbli inkluż proprjetà tal-komunjoni wara t-tmiem tagħha, fuq il-valur tal-massa mingħajr tnaqqis tad-djun;

Kwalunkwe att ta' tranżazzjoni, fuq il-valur tal-ħwejjeġ li jkunu is-suġġett prinċipali tagħha;

Kwalunkwe att ta' appalt ta' xogħlijiet jew *locatio operis,* fuq il-prezz tax-xogħol imnaqqas għal terz, izda d-dritt ma għandux ikun anqas minn 233.88.

Kwalunkwe att ta' likwidazzjoni jew ta' inventarju, fuq il-valur tal-massa mingħajr tnaqqis tad-djun. Fi kwalunkwe każ bħal dan, id-dritt għandu jiġi mnaqqas għal nofs, iżda d-dritt ma għandux ikun anqas minn 233.88.

Kwalunkwe att ta' kiri, fuq l-ammont kollu ta' kera pagabbli (ma għandhiex titqies kwalunkwe żieda skont ir-rata ta' inflazzjoni jew żieda perċentwali jew kwalunkwe xorta ta' żieda oħra), imnaqqas b'nofs jew, fid-diskrezzjoni tan-nutar, l-ekwivalenti ta' kera ta' xahar (1) fl-ewwel (1) sena, iżda d-dritt ma għandux ikun anqas minn 292.35.

Kwalunkwe att ta' rahan jew antikresi, fuq l-ammont tal-kreditu ikkawtelat mir-rahan jew l-antikresi mnaqqas b'nofs, iżda d-dritt ma għandux ikun anqas minn 58.47.

Kwalunkwe att ta' depożitu jew kunsinna ta' kwalunkwe somma, titoli jew oġġetti oħra, ta' ħlas, ta' estensjoni taż-żmien għall-ħlas, ta' irċevuta, jew ta' kunsinna ta' pussess ta' legat, ta' rettifika, ta' rexissjoni jew xoljiment ta' kwalunkwe att ieħor, ta' rikonoxximent ta' ċessjoni ta' kreditu, ta' wegħda ta' trasferiment jew ta' self; f'kull wieħed minn dawn il-każijiet każ bħal dan id-dritt għandu jitnaqqas għal terz tal-valur, iżda qatt ma għandu jkun anqas minn 70.16.

29. Fejn xi ħaġa msemmija fil-partiti 27 u 28 tkun tista' tifforma l-oġġett ta' skrittura privata, għall-formulazzjoni min-nutar ta' dik l-iskrittura u l-awtentikazzjoni ta' firem fuqha, in-nutar għandu jkun intitolat għal minn nofs sa żewġ terzi tad-dritt li kien ikun dovut lilu għall-eżekuzzjoni ta' dak l-att, iżda ma għandux ikun anqas minn 58.47.

III. Drittijiet għal Atti jew Skritturi Privati mħejjija fuq talba tal-partijiet li ma jiġux pubblikati jew iffirmati

30. Għal kwalunkwe att jew skrittura privata mħejjija min-nutar fuq talba tal-partijiet u li ma tiġix pubblikata jew iffirmata mingħajr ħtija tiegħu, in-nutar ikollu jedd għal żewġ terzi tad-dritt li kien imissu għall-pubblikazzjoni ta' dak l-att jew għat-tħejjija ta' dik l-iskrittura privata u għall-firma tagħha, b'żieda għar-rimborż ta' kull spiża magħmula minnu.

IV. Drittijiet għal Kopji, Estratti, Dikjarazzjonijiet, Riċerki, Traduzzjonijiet, Viżjonijiet, Qari u Kollazzjoni ta' Atti

31. Għal kopji u estratti awtentikati min-nutar, għandu jitħallas dritt minn euro u sbatax-il ċenteżmu (€1.17) sa żewġ euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€2.34) għal kull paġna.

Jekk ma jkunux legalizzati, għandu jitħallas dritt minn tmienja u ħamsin ċenteżmu (€0.58) sa euro u sbatax-il ċenteżmu (€1.17) għal kull paġna.

32. Għaċ-ċertifikazzjoni jew twettiq ta' eżattezza ta' kopji jew estratti minn kotba jew dokumenti miġjuba mill-partijiet skont l-artikolu 2(2)(ġ) tal-Att għandu jitħallas dritt minn euro u sbatax-il ċenteżmu (€1.17) sa żewġ euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€2.34) għal kull paġna jew parti tagħhom.

33. Għal kull ċertifikat li jwettaq xi traduzzjoni skont l-artikolu 2(2)(h) tal-Att, għandu jitħallas dritt ta' sbatax-il euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€17.41) b'żieda mad-dritt ta' minn ħdax-il euro u sebgħin ċenteżmu (€11.70) sa tlieta u għoxrin euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€23.39) għal kull paġna li jkun fih bejn wieħed u ieħor mitt (100) kelma li għandha tiġi tradotta.

34. Għal kull dikjarazzjoni skont il-proviso għall-artikolu 68(2) tal-Att, għandu jitħallas dritt ta' disgħa u għoxrin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€29.23) flimkien ma' dritt ta' minn żewġ euro u disgħin ċenteżmu (€2.90) sa ħames euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5.85) kull paġna.

35. Għal riċerka ta' att li jiġi indikat biss bis-sena li fiha jkun ġie riċevut, għandu jitħallas lin-nutar dritt ta' minn żewġ euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2.92) sa ħames euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5.85); fejn ir-riċerka tkun ta' sentejn (2) jew iżjed, għandu jitħallas lin-nutar dritt ta' minn euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1.75) sa żewġ euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2.92) għal kull sena li għaliha ssir ir-riċerka.

36. Għall-viżjoni u qari ta' att, għandu jitħallas dritt minn żewġ euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2.92) sa ħames euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5.85).

Jekk l-att jiġi moqri min-nutar lill-persuna li tagħmel it-talba, l-imsemmi dritt għandu jiġi rdoppjat.

Ma għandu jitħallas l-ebda dritt għall-viżjoni tal-att, jekk il-parti tordna kopja tiegħu jew estratt minnu.

L-istess drittijiet kif imsemmija qabel għandhom jitħallsu għall-kollazzjoni tal-kopja jew tal-estratt mal-att oriġinali meta dik il-kollazzjoni hija mitluba mill-partijiet wara li l-kopja jew l-estratt ikunu ġew awtentikati min-nutar.

Fejn il-kollazzjoni, fuq talba tal-partijiet, issir ma' att depożitat fl-Arkivju, b'żieda mal-imsemmi dritt, in-nutar għandu wkoll il-jedd għal dritt addizzjonali ta' attendenza u għal dritt ieħor kalkolat bir-rata ta' minn ħdax-il euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€11.69) sa tlieta u għoxrin euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€23.39) għal kull nofs siegħa li jeħodlu dak ix-xogħol.

Għall-formazzjoni ta' att f'lingwa li ma hijiex il-Maltija jew l-Ingliża, inkluża t-traduzzjoni ta' dak l-att għall-Malti jew għall-Ingliż kif meħtieġ mil-liġi, in-nutar għandu jkollu l-jedd għad-dritt li għandu jitħallas dwar l-att miżjud minn tletin fil-mija (30%) sa ħamsin fil-mija (50%).

V. Drittijiet għal servizzi oħra mogħtija min-nutar fuq talba tal-partijiet jew b'ordni ta' xi Awtorità Ġudizzjarja

37. Għall-formazzjoni u firma ta' rikorsi ppreżentati fil-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, in-nutar għandu jkollu l-jedd għall-istess drittijiet kif jitħallsu lill-avukati skont it-Tariffa E tal-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

38. Għall-eżami tat-titolu ta' proprjetà immobbli skont l-artikolu 84Ċ tal-Att, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor f'kuntratt ta' ingaġġ, in-nutar għandu jkollu l-jedd għall-istess drittijiet li jkollu l-jedd għalihom avukat skont it-Tariffa E tal-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

39. Għal kwalunkwe xogħol jew servizz ieħor magħmul min-nutar fuq it-talba tal-partijiet jew b'inkarigu ta' xi awtorità ġudizzjarja, id-dritt lin-nutar għandu, f'każ ta' kwistjoni, jiġi intaxxat mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja jew, skont il-każ, mill-qorti li tkun tat l-imsemmi inkarigu, skont ma tkun ix-xorta tax-xogħol jew tas-servizzi magħmula min-nutar.

B 1044

VI. Ħlasijiet aċċessorji

40. (a) Fejn għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu n-nutar ikollu jitlaq mill-uffiċċju tiegħu jew minn kwalunkwe wieħed mill-uffiċċji tiegħu, għandu ikollu jedd għar-rimborż tal-ispejjeż kollha tat-traġitt, tal-ikel u tal-alloġġ.

(b) B'żieda ma' dak li jissemma fil-paragrafu (a):

(i) jekk in-nutar ikollu jagħmel traġitt bejn żewġ gżejjer, ikollu jedd għad-dritt ta' sebgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€70.16) flimkien mad-dritt li jkollu għas-servizz mogħti: jew

(ii) jekk għal kwalunkwe servizz tkun meħtieġa l-attendenza tan-nutar bejn l-10 pm u s-7 am, id-dritt għas-servizz mogħti għandu jiżdied b' ħamsin fil-mija (50%).

(ċ) L-ebda dritt ma għandu jitħallas għal attendenza fir-Reġistru Pubbliku, fir-Reġistru tal-Artijiet jew fil-qrati tal-ġustizzja sabiex tiġi preżentata xi nota, rikors jew att.

41. Għar-reġistrazzjoni ta' atti u annessi imdaħħla skont l-artikolu 58 tal-Att, in-nutar għandu jedd għal dritt ta' euro u sbatax-il ċenteżmu (€1.17) għal kull paġna.

42. Għall-formazzjoni ta' kwalunkwe nota ta' insinwa ta' testment pubbliku, ta' ftuħ ta' testment sigriet, ta' donazzjoni, ta' kitba taż-żwieġ mingħajr assenjazzjoni ta' immobbli, ta' kontradikjarazzjoni għal kitba ta' żwieġ, ta' separazzjoni personali u ta' tmiem tal-komunjoni tal-akkwisti, u għal kwalunkwe nota oħra li għandha x'taqsam ma' xi att nutarili ta' valur mhux determinabbli, u meta ma jkunx hemm dispożizzjoni li tgħid xort'oħra f'din it-Tariffa, in-nutar għandu jkollu jedd għal dritt ta' minn żewġ euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2.92) sa ħames euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5.85).

Għall-formazzjoni ta' kwalunkwe nota ta' referenza dwar ċessjoni, surroga, riduzzjoni jew posponiment, in-nutar għandu jkollu l-jedd għal dritt ta' minn żewġ euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2.92) sa ħames euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5.85).

Għall-formazzjoni ta' kwalunkwe nota ta' kanċellament totali, in-nutar għandu jkollu jedd għal dritt ta' minn euro u sbatax-il ċenteżmu (€1.17) sa żewġ euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€2.34).

Għall-formazzjoni ta' kwalunkwe nota ta' insinwa ta' kwalunkwe att meta l-valur ikun determinabbli, jew ta' kwalunkwe nota ta' iskrizzjoni jew tiġdid ta' iskrizzjoni ta' kwalunkwe privileġġ jew ipoteka, in-nutar għandu jkollu jedd għad-drittijiet li ġejjin fuq il-bażi tal-valur involut fil-każ ta' insinwa, jew tal-ammont tad-dejn fil-każ ta' iskrizzjoni jew tiġdid ta' iskrizzjoni: minn kwint sa terz tad-dritt dovut lir-Reġistru Pubbliku skont l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku jew kwalunkwe Att illi jissostitwixxi dik il-liġi.

Sabiex tiddaħħal xi nota marġinali jew nota fl-aħħar tal-att oriġinali skont l-artikolu 47(1) tal-Att wara att ta' rexissjoni, tħassir, tibdil, validazzjoni, konvalidazzjoni, jew ta' att korrettiv notarili, jew att korrettiv sussegwenti, in-nutar għandu jitħallas dritt minn żewġ euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2.92) sa ħames euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5.85).

Għal sottomissjoni skont is-subartikoli 47(2) jew (3) tal-Att lill-Arkivist jew lin-nutar jew lill-konservatur tan-nutar ta' kopja ta' nota ppreżentata skont l-artikolu 50 tal-Att, jew jekk l-att mhux hekk reġistrabbli, kopja tal-att ta' rexissjoni, tħassir, varjazzjoni, validazzjoni, konvalidazzjoni att korrettiv notarili, jew ta' att korrettiv sussegwenti, in-nutar illi jippreżenta dak id-dokument għandu jitħallas dritt ta' minn ħames euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5.85) sa ħdax-il euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€11.69).

Dritt simili għandu jithallas lin-nutar jew lill-konservatur tan-nutar illi jdaħħal ir-riferenza fil-ġenb jew fl-aħħar tal-att oriġinali u tar-reġistrazzjoni tiegħu fir-reġistru skont l-artikolu 47(4) tal-Att għall-att ta' rexissjoni, tħassir, varjazzjoni, validazzjoni, konvalidazzjoni att korrettiv notarili, jew ta' att korrettiv sussegwenti u, fejn l-oriġinali ikun depożitat fl-Arkivji, id-dritt għandu jitħallas ukoll lill-Arkivist.

VII. Dispożizzjonijiet Ġenerali

43. Fi kwalunkwe każ mhux imsemmi espressament fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Tariffa, id-dritt li għandu jitħallas għandu jiġi kkalkulat b'analoġija għall-każijiet oħra msemmija espressament f'dawk id-dispożizzjonijiet.

Id-drittijiet li għandhom jitħallsu skont din it-Tariffa ma għandhomx ikunu soġġetti għal tnaqqis għar-raġuni li l-atti ma jkunux ġew ifformulati min-nutar li jkun irċevihom jew minħabba li jkunu fformulati fuq formoli stampati.

44. Il-Ministru għandu, mat-tmiem ta' kull perjodu ta' għaxar (10) snin mill-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima, jirrevedi d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Taqsima, fuq il-bażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perjodu partikolari ta' għaxar (10) snin u għandu, qabel jimplimenta dik ir-reviżjoni, jitlob il-fehma tal-Kunsill Nutarili dwar l-imsemmija implimentazzjoni.

B 1046

TAQSIMA II

Drittijiet li jitħallsu fl-Arkivji Nutarili

45. (a) Għal kull fotokopja informali ta' kwalunkwe att ntuarili jew parti minnu li jkun depożitat fl-Arkivju, għandu jitħallas dritt ta' sebgħin ċenteżmu (€0.70) għal kull paġna; b'dan illi għal fotokopji informali ta' kwalunkwe atti bħal dawn li jkunu meħtieġa minn persuni li jkunu qegħdin jagħmlu riċerka għal skop esklussivament storiku, letterarju, jew xjentifiku u li jkunu awtorizzati li jagħmlu dan bis-saħħa tal-partita 48, għandu jitħallas dritt bir-rata mnaqqsa ta' għaxar ċenteżmi (€0.10) għal kull paġna, sa massimu ta' tlett mitt (300) paġna kopji għal kwalunkwe sena waħda (1).

(b) Għal kull kopja informali, li tiġi esegwita f'għamla miktuba bl-idejn jew ittajpjata meta dan jitqies li jkun possibbli mill-Arkivist, ta' xi atti nutarili jew parti minnhom li jkunu depożitati fl-Arkivji, għandu jitħallas dritt ta' euro u għoxrin ċenteżmu (€1.20) għal kull paġna ta' madwar mitt kelma.

(ċ) Meta dawk il-fotokopji jew kopji ikollhom jiġu awtentikati mill-Arkivist, id-dritt li għandu jitħallas għandu jiżdied b'ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull paġna fil-każijiet kollha:

Iżda meta l-kopji li jkollhom jiġu awtentikati jiġu mħejjija minn terzi, id-dritt li għandu jitħallas għall-awtentikazzjoni tagħhom għandu jkun ta' euro u għoxrin ċenteżmu (€1.20) għal kull paġna ta' madwar mitt (100) kelma.

(d) Meta fit-tħejjija ta' kopji miktuba bl-idejn jew ittajpjati, jkunu meħtieġa esperti sabiex id-dokument oriġinali jiġi traskritt u, jew deċifrat, id-drittijiet li għandhom jitħallsu lil dawk l-esperti għandhom jitħallsu b'żieda mad-drittijiet imsemmija qabel.

(e) Għal kull kopja diġitali ta' kwalunkwe att nutarili jew parti minnu li jkunu depożitat fl-Arkivji, għandu jitħallas dritt ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€0.25) għal kull paġna diġitalizzata. Il-provvista ta' kopji diġitali ta' atti nutarili mill-Arkivji ma jimplika t-trasferiment tal-ebda drittijiet tal-awtur dwarhom lil min jirċevihom. Kwalunkwe użu kummerċjali ta' dawn l-immaġini jeħtieġu l-permess bil-miktub tal-Arkivist:

Iżda kopji diġitali ta' kwalunkwe atti bħal dawk li jkunu mitluba minn persuni li jkunu qegħdin jagħmlu riċerka għal skop esklussivament storiku, letterarju, jew xjentifiku u li jkunu awtorizzati jagħmlu dan bis-saħħa tal-partita 48, għandu jitħallas dritt bir-rata mnaqqsa ta' għaxar ċenteżmi (€0.10) għal kull paġna diġitalizzata.

46. Għall-viżjoni jew qari ta' kwalunkwe att nutarili miżmum fl-Arkivju, għandu jitħallas dritt ta' sittin ċenteżmu (€0.60) li minnhom ħamsin ċenteżmu (€0.50) għandhom jinżammu mill-Arkivju u l-ammont li jifdal għandu jitħallas lin-nutar jew lill-konservatur ta' dak l-att skont id-dispożiżżjonijiet tal-artikolu 104(1).

L-ebda dritt ma għandu jitħallas għall-viżjoni ta' xi att jekk il-parti tordna kopja jew estratt tiegħu:

Iżda meta fuq talba ta' persuna, att nutarili jinqara lil dik il-persuna minn wieħed mill-impjegati fl-Arkivju, għandu jitħallas dritt ta' sebgħin ċenteżmu (€0.70) għall kull nofs siegħa jew parti minnha li fiha jsir dan l-eżerċizzju.

L-ebda dritt ma għandu jitħallas min-nutar għall-viżjoni jew qari ta' atti riċevuti minnu jew min-nutar li huwa konservatur tal-atti tiegħu, iżda dak in-nutar għandu jħallas id-dritt dovut għall-kopji jekk huwa jordna li jsiru kopji tagħhom.

47. Għar-riċerka ta' att li tiegħu hu konservatur l-Arkivist, dritt ta' ħamsa u għoxrin ċenetżmu (€0.25) għandu jitħallas lill-Arkivist għal kull sena ta' riċerka.

48. L-ebda dritt ma għandu jitħallas għall-viżjoni jew qari ta' att jew għal riċerki magħmula esklussivament għal skop storiku, letterarju jew xjentifiku minn kull persuna speċifikatament awtorizzata għal dak l-iskop mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili, bil-parir tal-Kunsill Notarili u tal-Arkivist.

49. Meta Arkivist jeħtieġ jattendi kwalunkwe post barra mill-Arkivju, in konnessjoni mat-tneħħija ta' kwalunkwe att minn hemm, għandu jitħallas dritt ta' għoxrin euro (€20) lill-Arkivju mill-persuna li fl-interess tagħha l-att ikun hekk ittieħed barra.".